MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Talba Numru. 634/2013

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**vs**

**Rizzuto Francesco**
**ID-40474-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija tmienja u u erbghin ewro tlieta u tmenin centezmu (€748.83c) in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni bin-numru 99034139 numru tal-kont A/C 40170597, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, li kkonnfermat illi l-ammont pretiz ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija tmienja u erbghin ewro u tlieta tmenin centezmu (€748. 83c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------